MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 18

23 ta' Marzu 2009

Minuti tas-Seduta Nru. 18 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 23 ta' Marzu 2009.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillieri J. Azzopardi u C. Bartolo ġibdu l-attenzjoni għall-minuta 12.1. ta' l-ewwel parti tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif jidher hawn taħt:

*"12.2. Is-Sindku ppropona li l-qliegħ illi kien hemm mill-bejgħ li sar mill-għaqdiet f'Milied Mellieħi jiġu ppreżentati lil diversi istituzzjonijiet filantropiċi f'ċerimonja qasira li ssir fl-uffiċċju tal-Kunsill fl-20 ta' Marzu 2009 fis-7.00pm. Is-Sur R. Cutajar fakkar li l-għaqdiet involuti kienu grupp ta' individwi kordinati mill-Mellieħa Netball Team, il-Mellieħa Sports Club, l-Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista Mellieħa, l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti u l-Għaqda Dilettanti tan-Nar. ".*

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 17 li saret fit-2 ta' Marzu 2009 ġew approvati u ffirmati bl-emenda t'hawn fuq.

## 2.0. Korrispondenza

### 2.1.1. Triq ta' l-Għadira (T/3/3/Vol III)

2.1.2. Ġie spjegat li l-Awtorità ta' Malta dwar it-Trasport resqet tliet applikazzjonijiet dwar it-triq ta' l-Għadira li huma kif jidher hawn taħt:

(a) PA 330/09 – tinvolvi t-titjib tat-triq eżistenti;
(b) PA 331/09 – tinvolvi triq ġdida mill-*area* tal-Ħofra u l-Qammieħ permezz ta' pont;
(c) PA 332/09 – tinvolvi triq ġdida mill-*area* tal-Ħofra, Tal-Prajjet u l-Qammieħ permezz ta' mina;

2.1.3. Peress li d-data sa meta jistgħu jsiru rappreżentazzjonijiet għalqet fit-22 ta' Marzu 2009, saru rappreżentazzjonijiet mal-MEPA fejn intalab li jsir *Environment Impact Assessment* li fost aspetti oħra għandu jieħu in konsiderazzjoni l-punti segwenti:

(a) raba li jinħadem minn bdiewa li uħud minnhom huma *full time,* kif jista' jiġi verifikat mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura;

(b) jeżistu diveri spieri rreġistrati ma' l-Awtorità tar-Riżorsi ta' Malta li jintużaw għal skopijiet ta' irrigazzjoni;

(c) jeżistu diversi strutturi użati mill-bdiewa u raħħala (eż: irziezet antiki, giren, swieni, ħitan tas-sejjieħ, eċċ) illi jistgħu jiġu affettwati. F'uħud minnhom kien hemm anke min ibbenefika minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea biex itejjeb l-faċilitajiet tiegħu;

(d) kemm-il darba tittieħed art agrikola, il-bdiewa jew raħħala milquta għandhom jiġu rijallokati f'postijiet oħra jew jingħata kumpens skond kif provdut fil-liġi;

(e) fl-inħawi magħrufa bħala "Tal-Ħofra" (PA 0330/09) jeżisti bur salmastru (*saline marshland*) li huwa protett b'*Government Notice* 288/95, li għalkemm hija skedata fuq livell 3, tinsab fuq il-periferija madwar medda ta' art li għandha importanza ekoloġika u xjentifika, ikklassifikata fuq livell 1;

(f) ir-*roundabout* proposta fil-*junction* ta' Triq il-Marfa ma' Triq l-Armier, tinvolvi t-tneħħija ta' niċċa antika tal-Madonna. Għalhekk għandu jiġi kkunsidrat l-ispustjar ta' l-istess *roundabout* biex jiġi evitat dan.

2.1.4. Is-Sindku spjega li l-punti msemmija nġiebu għall-attenzjoni tal-MEPA wara li nġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill minn diversi persuni li jistgħu jintlaqtu minn waħda jew iktar mill-applikazzjonijiet in kwistjoni. Intalab ukoll li waqt l-ipproċessar tat-talbiet ikun hemm konsultazzjoni u jingħata tagħrif waqt l-ipproċessar tat-talbiet. Intqal ukoll li għandu jsir sforz sabiex l-iżvilupp jikkawża l-anqas impatt negattiv possibbli. Għalkemm, il-Kunsill huwa favur titjib ambjentali u infrastrutturali fl-inħawi ta' l-Għadira, kif ukoll mat-teħid ta' miżuri sabiex tiġi riġenerata ir-ramla, jemmen li l-aspetti msemmija hawn fuq għandhom jiġu trattati f'*Environment Impact Assessment*.

2.1.5. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li ġiet imwaqqfa dik li qed tissejjaħ il-Koalizzjoni ta' l-Għadira li hija ffurmata minn: Zminijietna - Voice of the Left; Alternattiva Demokratika The Green Party; Science Students' Society; Moviment Graffitti; Friends of the Earth (Malta); Inizjamed; Labour Youth Forum; *Greenhouse;* General Workers' Union Youths; u il-Farmers' Representatives.

2.1.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa jemmen li s-sitwazzjoni tat-traffiku fl-Għadira titjieb kemm-il darba ma jibqax isir *parking* matul Triq il-Marfa, kif ukoll isiru żewġ parkeġġi kbar fit-truf tal-bajja.

2.1.7. Il-Kunsillier J. Azzopardi tenna li l-proposta dwar il-bini ta' pont fil-wied tal-Qammieħ ser taffettwa b'mod negattiv ir-rotta ta' l-għasafar li jinżlu fis-Santwarju ta' l-Għasafar.

2.1.8. Is-Sur R. Cutajar qal li r-raġunijiet mogħtija fil-laqgħa li saret fil-Ministeru għall-Infrastruttura,Trasport u Komunikazzjoni fis-16 ta' Diċembru 2008, kienu l-irkuprar tar-ramla, kif kienet qabel saret it-triq attwali fis-snin tmenin. Huwa għalhekk tal-fehema li għandu jsir *Environment Impact Assessment* u l-posizzjoni definittiva għandha tittieħed meta dan jiġi publikat. Is-Sindku qal li ser jara illi sa fejn jirrigwarda lill-kunsill lokali din ma ssirx *issue* politika.

## 2.2.1. Żjara mill-Blasochester Stadt Adenau Bank (K/1/5/Vol IV)

2.2.2. Saret referenza għal ittra datata 8 ta' Jannar 2009, mibgħuta mis-Sindku ta' Adenau Bernd Schiffarth sabiex il-banda msemmija tagħti kunċert fil-Mellieħa, waħedha jew ma' xi banda oħra waqt iż-żjara tagħha f' Malta bejn l-1 u t-8 ta' April 2009.

2.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-aktar data u post addattati sabiex jingħata kunċert mill-banda msemmija hija nhar is-Sibt 4 ta' April 2009 fis-6.30pm f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

## 2.3.1. Parkeġġ riżervat quddiem spiżeriji (T/3/2/Vol X)

2.3.2. Inqrat ittra datata 9 ta' Marzu 2009, mill-Uffiċċju tad-Direttur Skema tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek, fejn intalab parkeġġ riżervat quddiem it-tliet spiżeriji parteċipi fl-iskema. Dan intalab bil-għan li jiġi faċilitat il-ħatt ta' kaxxi bil-mediċini.

2.3.3. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li tnejn miż-żewġ spiżeriji fl-iskema jinsabu fi Triq Ġorġ Borg Olivier, fejn diġa jeżistu faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija, *tow-zones* u parkeġġ riżervat għall-banka tal-lottu. Minħabba dawn ir-raġunijiet il-Kunsill ma qabilx fil-prinċipju li jingħataw il-faċilitajiet mitluba matul il-ħinijiet li fihom ikunu miftuħin l-ispiżeriji. Dan anke

minħabba li l-ispażju għall-*parking* huwa limitat ħafna. Għalhekk kien hemm qbil li għandhom jintalbu l-ħinijiet li fihom normalment isir it-tqassim tal-mediċini.

### 2.4.1. Sistema ta' *one-way* fi Sqaq Ħarruba u Triq il-Manikata(T/3/2/Vol X)

2.4.1. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li saret proposta fi programm fuq Radju RTK sabiex it-toroq imsemmija jinbidlu f'*one-ways*.

2.4.2. Filwaqt li l-Kunsill apprezza li Triq il-Manikata hija limitata ħafna fil-wisa', Sqaq Harruba m'għandux wiċċ bit-tarmak, peress li dan kien ingħata l-konkos bil-għan li l-terrapien illi hemm fih ma jibqax jinġarr bl-ilma tax-xita li jgħaddi minnu.

### 2.5.1. Sejħiet għall-offerti marbuta mat-tieni fażi tal-Proġett tal-*Playing Field* fil-wesgħa bejn Triq l-Għasel, Triq ix-Xehda u Triq il-Miġbħa (P/4/23)

2.5.2. Is-Segretarju għarraf li fit-18 ta' Marzu 2009 għalqu s-sejħiet għall-offerti Nru. 1 u 2 dwar il-kostruzzjoni ta' post ta' rikjrezzjoni fuq l-art li tinsab bejn it-toroq imsemmija kif ukoll il-*landscaping* ta' l-istess post. Fil-każ ta' l-aħħar ma ġiet sottomessa ebda offerta minkejja li nġabru żewġ dokumenti. Fil-każ tal-kostruzzjoni, kien hemm tlieta li kienu ġejjin minn Central Asphalt Ltd, John Vella Co. Ltd u Ivan Cutajar. Dawn ikkwotaw kif ġej:

| | Stima Mqassra | Central Asphalt Ltd | John Vella Co. Ltd | Ivan Cutajar |
|---|---|---|---|---|
| A | *Preliminaries* | - | 750.00 | 600.00 |
| C | *Masonry Works* | 47,612.20 | 43,132.50 | 46,770.60 |
| D | *Concrete Works* | 44,288.40 | 47,490.10 | 40,908.11 |
| E | *Prefabricated Roofing Works* | 782.40 | 1,296.00 | 480.00 |
| F | *Damp-proofing & Water-proofing Works* | 17,289.40 | 17,589.88 | 17,300.33 |
| G | *Plumbing and Foul Water Drain Works* | 653.50 | 860.00 | 1,130.00 |
| H | *Electrical Works* | 26,658.50 | 19,470.00 | 19,463.00 |
| I | *Decoration and Plastering Works* | 10,600.82 | 9,106.00 | 9,928.00 |
| J | *Tiling and Marble Works* | 20,280.92 | 23,003.70 | 23,181.45 |
| K | *Aluminium Works* | 907.00 | 700.00 | 540.00 |
| L | *Joinery Works* | 120.00 | 250.00 | 185.00 |
| M | *Metal Works* | 200.00 | 560.00 | 380.00 |
| N | *Furniture and Equipment* | 20,765.00 | 48,125.00 | 49,380.00 |
| O | *Safety Tiling and Equipment* | 11,082.60 | 11,750.00 | 10,105.00 |
| P | *Road Works* | 5,791.24 | 7,366.75 | 6,961.54 |
| | | 207,031.98 | 231,449.93 | 227,313.03 |

2.5.3. s-Segretarju kompla jispjega li għalkemm it-tliet offerenti taw prezz għal kull item mitlub fid-dokument ta' l-offerta, ma tawx ċerti dettalji dwar il-materjal jew fittings li lesti jissupplixxu bir-rata kkwotata. Għalhekk ippropona li dawn in-nuqqasijiet għandhom jiġu ndikati mill-*Contracts Manager* bil-għan li l-informazzjoni kollha tkun quddiem l-*Adjudication Board* meta dan jiltaqa' biex jagħti r-rakkomandazzjoni tiegħu.

2.5.4. Il-Kunsill qabel ma' din il-proċedura.

### 2.6.1. Devoluzzjoni tat-Torri l-Abjad (A/6/7/Vol II)

2.6.2. Inqrat ittra datata 4 ta' Marzu 2009, mibgħuta mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Artijiet u Erarji Pubbliċi fejn intqal, li biex it-talba tkompli tiġi kkunsidrata, jeħtieġ li jingħataw aktar dettalji dwar x'inhuma l-ħsibijiet għall-użu tat-torri f'dak li jirrigwarda l-ispiża meħtieġa biex jiġi restawrat/rijabilitat il-bini, kif ukoll is-sorsi tal-finanzjament meħtieġ u l-użu eventwali tal-post.

2.6.3. Is-Sindku qal li nġibdet l-attenzjoni tal-Historical Military and Maritime Society sabiex ikun jista' jingħata t-tagħrif mitlub.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 26/02/09 - 18/03/09
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 16/02/09 – 02/03/09
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 03/03/09 – 11/03/09
- *Purchase Request Form* – 18/03/09
- Skeda ta' ilmenti - 0093/09 - 0122/09
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku 16/02/09
- Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2008

## 4.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 4.1.1. Rappreżentanza fuq il-Bord tal-Park Majjistral (A/4/10)

4.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa kompla l-kuntatti mal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali. Sar magħruf li l-istess Ministeru ser jieħu parir legali sabiex jiġi stabbilit jekk jistax jidħol membru ieħor fuq il-Bord tal-Park Majjistral bħala rappreżentant tal-Kunsill Lokali.

4.1.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li kellu laqgħa maċ-*Chairman* tal-Bord – Dr Ian Castaldi Paris – fejn huwa ġie infurmat li l-aċċess bil-vetturi għall-bdiewa u s-sidien tal-*boathouses* ser jibqa' bl-użu ta' cards li jitqassmu biss lil persuni awtorizzati. Hemm l-intenzjoni wkoll li jiġu mpjegati żewġ *rangers* li jkunu possibilment mil-lokalità. Mizura oħra li ser tittieħed hija l-installazzjoni ta' CCTV *cameras* li l-Kunsill ikollu aċċess għalihom.

4.1.4. Dwar it-Torri taċ-Ċantar, jidher li għadha ma tteħditx deċiżjoni, filwaqt li r-raba mhux ser jittieħed mingħand il-bdiewa.

4.1.5. Intqal ukoll li kien hemm rapporti fil-gazzetta "Time of Malta" ta' l-20 ta' Marzu 2009 li l-kaċċa u l-insib ser jispiċċaw mill-Park. L-istess rapporti ġew miċħuda mill-Ministeru.

4.1.6. Is-Sindku ppropona li ssir laqgħa għal dawk li b'xi mod huma interessati fl-*area* tal-Park, bil-għan li jiġu spjegati l-pjanijiet tal-Bord dwar l-amministrazzjoni ta' l-istess Park.

4.1.7. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret stedina mill-Bord sabiex il-Kunsill u l-għaqdiet tal-lokalità jżuru il-Park. Kien hemm qbil li din għandha ssir nhar it-Tlieta, 7 ta' April 2009 fil-5.00 ta' filgħaxija.

### 4.2.1. Estensjoni tar-Ramla Bay Hotel (A/6/3/2/Vol V)

4.2.2. Is-Sindku R. Cutajar irrefera għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fil-5 ta' Marzu 2009, il-Bord tal-MEPA reġa ltaqa` biex jikkunsidra fil-pubbliku applikazzjoni dwar l-estensjoni tar-Ramla Bay Hotel – PA 464/08. Huwa qal li b'dispjaċir innota li l-Bord iddeċieda li l-*planning contribution* ta' €40,000 għandha tmur fl-*Environment Initiatives in Partnership Programme* biex jintefqu fl-inħawi ta' l-istess lukanda.

4.2.3. Is-Sur R. Cutajar qal li nkitbet ittra ta' protesta lill-MEPA billi f'każi simili l-fondi jmorru fl-*Urban Improvement Fund* jew fl-*EIPP,* mingħajr ebda irbit dwar fejn għandhom jintefqu. Għalhekk il-Bord intalab jirrikonsidra d-deċiżjoni tiegħu qabel jinħareġ il-permess.

4.2.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 4.3.1. Studju dwar it-tendenza tar-riħ (P/5/8/A)

4.3.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi l-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali ressaq talba lill-MEPA – PA 701/09 sabiex jitwaqqaf arblu temporanju fl-inħawi tal-Ponta ta' l-Aħrax bil-għan li jkun jista' isir studju dwar ir-riħ in konnessjoni mal-proposta li jsir Wind Farm fuq is-Sikka l-Bajda.

4.3.3. Is-Sindku qal li minħabba li ż-żmien tar-rappreżentazzjonijiet stabbilit mill-MEPA kien ser jiskadi, intbagħtet ittra fejn intqal li m'għandux ikun oġġezzjoni min-naħa tal-Kunsill sakemm:

(a) l-arblu jiġi żarmat fi żmien sentejn u l-post jerġa jinġieb għall-istat oriġinali tiegħu; u

(b) kull strutturi tal-ħadid użati sabiex l-arblu jitwaħħal ma' art, għandhom jitneħħew għal kollox hekk kif jiġi żarmat l-arblu.

4.3.4. Il-Kunsill innota u approva l-kundizzjonijiet mogħtija.

### 4.4.1. Attivita' sportiva flimkien mal-Mellieħa Football Nursery (S/6/Vol III)

4.4.2. Saret referenza għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sindku qal li l-Kunsillier H. Fenech iltaqa' ma' delegazzjoni mill-kumitat tan-Nursery fis-6 ta' Marzu 2009. Huwa spjega li l-edizzjoni li jmiss tal-*penalty shoot-out* ser tkun mifruxa fuq tliet ijiem – is-17, 18 u 19 ta' April bl-attività ewlenija tkun is-Sibt bejn il-5.00pm u l-11.00pm.

4.4.3. Bħala attrazzjoni ewlenija fl-attività ser ikun Jeon Kwon, li huwa Korejan espert fil-*Free Style Football Juggling*. Biex dan jinġieb Malta jeħtieġ li jitħallsu *appearance money* u l-ispejjeż tal-vjaġġ. Is-Sur R. Cutajar qal li qed isiru sforzi biex dawn l-ispejjeż jitħallsu minn *sponsors* bħal Air Malta, General Soft Drinks u Time International. Huwa qal ukoll li fil-passat, il-Kunsill kien jappoġġja din l-attività.

4.4.4. Kien hemm qbil li l-involviment tal-Kunsill fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment flimkien mal-Mellieħa Football Nursery m'għandux jaqbeż €500.

4.4.5. Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom jsiru arranġamenti sabiex nhar is-Sibt 18 ta' April tingħalaq Triq Vincenzo Ciappara bejn il-5.00pm u 11.00pm. Dan irid isir bejn Triq il-Qamħ u Triq Qasam Barrani. Għandha ssir barrikata fi Triq Napuljun Caruana Dingli kantuniera ma' Triq il-Muna.

### 4.5.1. Premju EDEN (T/12/Vol II)

4.5.2. Is-Sindku irrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li għall-din l-edizzjoni tal-premju *European Destination of Excellence* ġew imħajra, u fil-fatt ser japplikaw il-Koperattiva Rurali tal-Manikata, bil-prodotti li jipproduċu l-membri tagħha, kif ukoll bl-inizjattiva li qed jieħdu sabiex jirrabilitaw ir-Razzett tal-Qasam f'Għajn Tuffieħa.

4.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.6.1. Fond għat-Tfassil ta' Strateġija dwar Żvilupp Sostenibbli (C/3/2/Vol II)

4.6.2. Saret referenza għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u l-Kunsill ġie nfurmat li sar kuntatt ma' Dr Gordon Cordina sabiex ikun jista' jagħti s-servizzi tiegħu halli titressaq applikazzjoni bil-għan li jiġi kkummissjonat it-tfassil ta' pjan sħiħ dwar mizuri konkreti li għandhom jittieħdu fil-lokalità f'diversi oqsma li jolqtu l-lokalità. Dan l-istudju għandu jikkomplimenta dak li sar mis-Sur Julian Zarb fir-rigward tat-turiżmu fil-Mellieħa.

4.6.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li servizzi ta' konsulenza ta' dan it-tip ser ikunu aktar meħtieġa aktar 'il quddiem, bl-introduzzjoni ta' skemi min-naħa tal-Gvern Ċentrali u applikazzjonijiet għall-finanzjament ta' proġetti permess fondi mill-Unjoni Ewropea.

4.6.4. Il-Kunsill approva l-proposta tas-Sindku fir-rigward ta' l-applikazzjoni, kif ukoll qabel li għandu jkun hemm vot ta' €6,000 sabiex jagħmel tajjeb għal servizzi ta' konsulenza.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 18 ta' Marzu 2009.

5.3. Wara diskussjoni ġie deċiż li għandhom jinħarġu l-*purchase orders* li fadal jintbagħtu.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet imressqa wkoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn is-26 ta' Frar u t-18 ta' Marzu 2009.

6.3. Tressqu ukoll żewġ skedi ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li flimkien ikopru l-perjodu bejn is-16 ta' Frar u l-11 ta' Marzu 2009

6.4. Il-Kunsill ra l-kontenut taż-żewġ skedi u approva l-pagamenti elenkati fihom. Fil-każ tal-pagamenti 052, 053 u 054 ġew approvati aktar tard wara li għaddiet ir-riżoluzzjoni skond il-minuta 8.1. aktar 'l isfel.

## 7.1. Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2008 (F/1/1/Vol II)

7.2. Is-Segretarju spjega li għall-ewwel darba mhux qed jiġi kkalkulat d-dħul mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, li kien intiż sabiex jissewew b'mod permanenti t-trinek li jsiru mill-istess korporazzjoni bejn Ottubru u Diċembru 2008. Intqal ukoll li l-aħħar darba li l-korporazzjoni għaddiet dawn il-flus kien ikopri sa Diċembru 2007. Għalhekk inħass li huwa prudenti li m'għandux jibqa' jidher id-dħul stmat f'dan ir-rigward, peress li l-ftehim li kien sar bejn il-Kunsilli Lokali u l-Korporazzjoni fis-sena 2000 mhux ser jibqa' jiġi onorat. Dan minkejja li l-korporazzjoni qatt m'għarrfet lill-Kunsill dwar din l-intenzjoni.

7.3. It-total ta' dħul minn **Servizzi Komunitarji** kompla nieżel, mqabbel mat-tliet xhur preċedenti, għal € 5,717. Dawn kienu jikkonsistu fil-ħlas għall-attendenza għal korsijiet tal-kompjuter u taż-żfin (€ 1,964); permessi għall-i*skips* (€ 93); bejgħ ta' kotba (€ 175); permessi għall-użu ta' makkinarju tal-kostruzzjoni fit-toroq; attivitajiet f'postijiet pubbliċi (€2,707); u permessi għal xogħlijiet fit-toroq (€ 778). It-tnaqqis totali kien dovut minħabba ammont inqas ta' permessi li jinħarġu wara li jgħaddi s-sajf.

7.4. Id-dħul minn **Imgħaxijiet tal-Bank** f'Diċembru rriżultaw mill-kontijiet ta' tifdil (€5,574), kif ukoll fuq kontijiet fissi li għalqu fil-perjodu kopert b'dan ir-rapport (€7,995).

7.5. Kien hemm **Kontribuzzjonijiet** illi kienu jikkonsistu f'għotjiet b'riżq serjè ta' attivitajiet popolari li ttellgħu mill-Kunsill. Dawn kienu l-Isportivi tas-Sena (€ 60); Festa Ambjent (€250); l-Iljieli Melleħin (€4,070); u l-Milied Mellieħi (€4,446). Fl-istess perjodu, l-MEPA għaddiet somma ta' € 46,587 mill-Fond għall-Titjib Urban in konnessjoni ma' Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata, kif ukoll it-tieni minn tliet paġamenti mogħtija b'rabta ma' Ġnejnet l-Emigranti Melleħin. Il-pagament ta' l-aħħar kien jammonta għal €25,050.

7.6. In-nefqa fuq is-**Servizzi** kienet ferm għola mill-estimi, peress li fit-tliet xhur koperti b'dan ir-rapport sar aktar użu mis-servizz tat-telefon (€1,4,35) kif ukoll kien hemm talba għall-ħlas mingħand l-MITTS tal-*Wide Area Connectivity* li kien jammonta €1,910.

7.7. Bħalma ġara fit-tliet xhur preċedenti, in-nefqa fuq **Toroq**, bejn Ottubru u Diċembru 2008, qabżet il-vot allokat b' € 1,082. Dan kien dovut minħabba ammont konsiderevoli ta' xogħol li sar fit-toroq illi kien jikkonsisti prinċipalment fit-tindif ta' l-art wara l-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa (€3,471), it-tindif tal-*culverts* fiż-żona Ta' Masrija u Triq il-Kbira (€1,180) u l-kurduna li saret fit-Telgħa ta' Għajn Żnuber (€8,520). Minkejja dan, in-nefqa fl-ewwel disa' xhur tas-sena kienet inqas mill-estimi b'€38,182.

7.8. L-infieq fuq it-**Tagħrif lill-Pubbliku** kien sostanzjalment inqas mill-estimi, peress li l-Ħames Kunsill kien qed jippjana li jippubblika ktieb dwar is-Sajd Tradizzjonali tat-Tonn fil-Mellieħa, liema proġett baqa' ma twettaqx minkejja li saru it-tħejjijiet kollha amministrattivi meħtieġa. Il-Kunsill attwali qed jagħmel użu minn dawn il-fondi billi nieda skema intiża sabiex iħajjar awturi mil-lokalità jippubblikaw il-kitbiet tagħhom. Fl-istess perjodu, il-magazin "Mill-Qiegħa" żdied miegħu suppliment indirizzat lit-tfal.

7.9. In-nefqa marbuta ma' uħud mis-**Servizzi Kuntrattwali** relatata mat-tindif, jidher li qabżet l-estimi. Iċ-ċifri mogħtija fiir-rendikont mehmuż ma' dawn il-minuti jinkludu fihom servizzi mogħtija fix-xhur qabel bdiet is-sena finanzjarja, ossija qabel April 2008. Fil-każ tas-servizz dwar it-Tindif tat-Toroq Urbani, anke kien hemm inkluż fiha servizzi mogħtija fi Frar 2008.

7.10. L-ispejjeż fuq **Servizzi Professjonali** qabżet sostanzjalment l-estimi minħabba nfiq li ma

kienx previst. Dan kien marbut mat-tfassil ta' sitt elettroniku ġdid tal-Kunsill (€1,156); it-tħejjija ta' rapport dwar it-tmexxija ta' art pubblika fl-inħawi ta' l-Aħrax mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Melleħin (€500); kif ukoll ma spejjeż legali in konnessjoni mal-ftuħ ta' kawża fil-Qorti rigward Triq Toni Pace (€1,195).

7.11. F'dak li jirrigwarda l-**Ospitalità u Servizzi lill-Komunità,** l-infieq kien ferm għola mill-*budget*, peress li l-kunsill attwali qed jagħmel aċċenn qawwi fuq l-organizzazzjoni ta' Attivitajiet Kulturali, liema attivitajiet ma kienux previsti mill-kunsill preċendenti, li kien approva l-estimi għas-sena finanzjarja 2008/2009. Konxju ta' din is-sitwazzjoni, il-kunsill attwali qed jara li jtaffi din in-nefqa billi jħajjar entitajiet kummerċjali u sorsi governattivi sabiex jikkontribwixxu għal dan il-għan, kif intqal fin-nota numru 4, aktar 'il fuq. L-attivita' ewlenija li seħħet fit-tliet xhur koperti b'dan ir-rapport kienet Milied Mellieħi li saret bejn id-19 u l-25 ta' Diċembru 2008.

7.12. L-infieq fuq **Lampi tat-Toroq** jirrifletti x-xogħol fuq it-tqegħid ta' *conduit* fil-bankini fit-toroq il-ġodda li sar fiż-żona ta' Santa Marija Estate. Hawnhekk il-Kunsill qed jippjana li aktar 'il quddiem jintroduċi sistema ta' lampi ġodda fuq l-arbli.

7.13. Ix-xogħol fuq l-ewwel fażi tal-**Proġett dwar l-Afforestazzjoni f'Ta' l-Ibraġ** tlesta bi spiża li ammontat €120,500. Il-Kunsill approva tibdil fit-tieni fażi ta' dan il-proġett li jinvolvi l-introduzzjoni ta' faċilitajiet sportivi. Il-proġett mhux ser jibqa' biss ta' afforestazzjoni u għalhekk beda jissejjaħ Park għall-Familja.

7.14. Ix-xogħol fuq Ġnejnet l-Emigranti Melleħin fi Triq il-Kbira ntemm u l-ispiża fuqu telgħet għal €105,568. B'hekk qabżet l-estimi b'iktar minn €29,500. Dan kien dovut minħabba li oriġinarjament ma kienx jinkludi ġiebja għall-ilma li jinġabar mit-triq u lanqas l-monument dedikat lill-emigranti. Il-Kunsill irċieva għotja ta' €75,150 mill-Fond għal Titjib Urban tal-MEPA.

7.15. L-ispiża fuq il-*Floodlighting* tal-*Ground* f'Ta' Pennellu kienet inqas mill-Estimi, peress li tnaqqsu xi xogħlijiet li kellhom jsiru fuq l-installazzjoni mill-ġdid tal-*floodlights* l-qodma fil-*five-a-side pitch* li hemm biswit il-*ground* il-kbir.

7.16. Il-Kunsill approva r-Rendikont imressaq u talab lis-Segretarju jgħaddih lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika.

**8.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku R. Cutajar illi tgħid:**

**"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) 6(1) u 19(1), kif sussegwentement emendati bl-Avviżi Legali 127/98, 89/2000, 64/2001 u 282/05 jipprovdu għall-ħlas ta'** ***performance bonus*** **lill-impjegati tal-Kunsill;**

**Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2009/2010 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, kif ukoll mill-*Performance Appraisal Report* li ġie mħejji skond l-Iskeda A, ta' l-istess Avviż Legali, jidher li ngħata servizz sodisfaċenti mill-uffiċjali Marvic De Bono, Marica Azzopardi Gambin u Carmel Debono, matul is-sena li għaddiet;**

**Jirriżolvi illi fl-aħħar ta' Marzu 2009 l-uffiċjali Carmel Debono u Marica Azzopardi Gambin u Marvic De Bono għandhom jitħallsu l-perċentwali ta' 10%, 6% u 6%** ***pro rata*****, rispettivament, bħala** ***performance bonus*****, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa sa l-aħħar ta' l-istess xahar. (Wages)**

8.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu mingħajr emendi, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

**9.1. Responsabilitajiet tal-Kunsillieri (K/2/Vol III)**

9.2. Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni li huwa kellu ma' kull kunsillier b'mod individwali dwar it-tqassim jew definizzjoni mill-ġdid tar-responsibilitajiet assenjati lilhom oriġinarjament fis-Seduta Nru. 2 ta' l-14 ta' April 2009. Ir-responsabilitajiet ġew imqassma kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Robert Cutajar (Sindku)** | • Uffiċċju Amministrattiv u Ppjanar Strateġiku tal-Kunsill<br>• Proġetti Kapitali<br>• Turiżmu u Kultura<br>• Toroq<br>• Il-Familja u l-Qasam Soċjali (Saħħa, Anzjani u Persuni bi Bżonnijiet Speċjali)<br>• Informazzjoni u Konsultazzjoni Pubblika<br>• Korporazzjonijiet u Dipartimenti Governattivi (WSC - Enemalta - ADT - MEPA - Lands)<br>• Attivitajiet Popolari li jinkludu *Gardens by Night*, Iljieli Melleħin, Milied Mellieħi u l-Isportivi Melleħin tas-Sena<br>• Jum il-Kunsill<br>• Park tal-Majjistral<br>• Ġemellaġġi<br>• Chairperson Kumitat responsabbli mill-aġġudikazzjoni ta' *tenders* li jinħarġu mill-Kunsill<br>• Responsabbli mill-Bord Editorjali tal-fuljett "Mill-Qiegħa"<br>• Pubblikazzjoni "Ħannieqa Kotba Melleħin" |
| **Emvin Bartolo (Viċi Sindku)** | • Protezzjoni tal-Komunita' li jinkludu Pulizija u Gwardjani Lokali<br>• Traffiku<br>• Trasport Pubbliku<br>• Kordinament Festa Vitorja<br>• *Chairperson* fil-kumitat responsabbli mill-għajnuniet lill-Għaqdiet tal-lokal<br>• Membru fuq il-Bord ta' Aġġudikazzjoni ta' *tenders* li jinħarġu mill-Kunsill<br>• Membru fuq il-Kumitat Konġunt f`isem il-Kunsill Lokali Mellieħa |

| | |
|---|---|
| **Joseph Azzopardi** | • Manikata<br>• Ġonna Pubbliċi- li jinkludu wkoll Foresta 2000 / *Belveders* / Afforestazzjoni<br>• Żoni Rurali<br>• Jum l-Ambjent<br>• Attivitajiet ta' '*Tree Planting*'<br>• Kampanja '*Energy Saving*' u inizjattivi oħra simili proposti mill-Gvern jew mill-Kunsill<br>• Dwal tat-Toroq |
| **Clayton Bartolo** | • Korsijiet Varji organizzati mill-Kunsill<br>• L-Emigranti Melleħin (tinkludi wkoll l-attività li tiġi organizzata f`Awwissu - Kunċert Operistiku)<br>• Protezzjoni tal-Konsumatur<br>• Membru fil-Kumitat responsabbli minn Jum il-Kunsill |
| **John Buttigieg** | • Maniġġ ta' l-Iskart (Tindif ta' Toroq / Ġbir ta' Skart Domestiku / *Bring in Sites* / Bajjiet)<br>• Wirt Storiku - li jinkludi wkoll bini devolut mill-Gvern lill-Kunsill<br>• Festa ta' San Ġwann<br>• Aċċessibilita' f`postijiet pubbliċi<br>• Membru fuq il-Bord Responsabbli mill-pubblikazzjoni "Ħannieqa Kotba Melleħin" Applikazzjonijiet ta' żvilupp jew *tenders* li jinħarġu mill-MEPA u d-Dip. tal-Artijiet<br>• Membru fuq il-kumitat responsabbli mir-Relazzjonijiet ma' l-Għaqdiet<br>• Membru fuq il-Bord ta' Aġġudikazzjoni ta' *tenders* fi ħdan il-Kunsill |
| **Patrick Cutajar** | • Programmi u Inizjattivi UE<br>• *Self Employed*<br>• Teknoloġija tal-Informatika li tinkludi wkoll is-sit elettroniku tal-Kunsill |

| | |
|---|---|
| **Hilary Fenech** | • Żgħażagħ<br>• Edukazzjoni - Kampanji edukattivi fl-iskejjel imnedija mill-Gvern Ċentrali<br>• Sport<br>• Avventura Sajf - E-Tfal<br>• *Animal Welfare*<br>• Responsabbli mill-Bord Editorjali "Mill-Qiegħa għat-Tfal" |

9.3. Is-Sindku aċċenna għal dak li kien wiegħed fis-Seduta Nru. 2 tal-14 ta' April 2008, li l-ebda responsabilità ma kienet garantita għal kull kunsillier tul il-mandat kollha.

9.4. Il-Kunsillieri kollha innotaw u aċċettaw it-tibdil indikat.

## 10.1. Mozzjoni dwar l-approvazzjoni ta' l-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2009/2010 u l-Pjan ta' Ħidma 2009/2011 (F/1/20)

10.2. Saret referenza għal ittra datata 18 ta' Marzu 2009, mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn sar magħruf li l-allokazzjoni annwali għas-sena finanzjarja 2009/2010 ser tkun €900,966 li tfisser żieda ta' €71,139 fuq tas-sena preċedenti.

10.3. Fl-ittra ntqal ukoll li oltre l-allokazzjoni annwali, il-Kunsill jista' jibbenefika mill-iskemi li jidhru hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Skema dwar Attivitajiet Kulturali | -€ 138,000 |
| Skema dwar Proġetti *Energy Saving* | -€ 150,000 |
| Skema dwar Inizjattivi Sportivi | -€ 60,000 |
| *Local Council Enterprise Support Award Scheme* | -€ 100,000 |
| *Local Council Green Challenge Award* | -€ 100,000 |
| Proġetti Pilota dwar Strateġiji Lokali għal Żvilupp Sostenibbli | -€ 50,000 |
| Skema ta' Ko-Finanzjament (Proġetti tal-Unjoni Ewropea) | -€ 303,000 |
| Total | € 901,000. |

10.4. Skond l-istess ittra, b'effett mit-*tranchè* li tinghata fl-1 ta' Lulju 2009, dawk il-Kunsilli li ma jkunux wettqu l-obbligi statutorji tagħhom fit-tliet xhur ta' qabel ser tinżammilhom 4% mill-allokazzjoni tax-xhur ta' wara. L-ammonti allokati għall-manutenzjoni tat-toroq u għat-tindif tat-toroq, kif indikati fl-iskeda t'hawn taħt, jridu bil-fors jiġu wtilizzati għal dan l-iskop, jekk ma jkunx hemm l-awtorizzazzjoni bil-miktub tad-Dipartiment biex jintużaw għal skopijiet oħra. Din l-awtorizzazzjoni tingħata kemm-il darba jkun hemm raġunijiet biżżejjed.

| FUNZJONI | € |
|---|---|
| Tindif ta' Toroq Urbani | 83,326 |
| Tindif ta' Toroq Rurali | 81,039 |
| Manutenzjoni ta' Toroq | 226,323 |

10.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li l-mozzjoni għandha tkompli tiġi diskussa wara li ssir il-Laqgħa Annwali tal-Lokalità fis-16 ta' April 2009 fis-7.30pm.

## 11.1. Tmexxija tal-Batterija ta' Westreme (A/6/7/Vol II)

11.2. Is-Sindku għarraf li l-Art Club 2000 ġew mgħoddija t-test tal-ftehim dwar it-tmexxija tal-Mużew tat-Tunnara fil-Batterija ta' Westreme, dawn iltaqgħu miegħu biex jgħarrfuħ li l-qagħda finanzjarja tal-għaqda tagħhom mhux daqshekk tajba u għalhekk ma humiex fil-

posizzjoni li jonoraw l-obbligi li għandhom taħt il-ftehim kif propost mill-Kunsill, fosthom il-ħlasijiet għall-konsum ta' l-elettriku u l-ilma eċċ.

11.3. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta li huwa jinsab konvint li l-batterija għandha potenzjal, iżda mhux qed isir sforz biżżejjed min-naħa ta' l-għaqda biex din tingħata pubbliċità fid-diversi stabbilimenti turistiċi li jeżistu fil-Mellieħa. Diversi kunsillieri esprimew il-fehma tas-Sindku, li min-naħa tiegħu ppropona li jsir *business breakfast*, fejn jiġu mistiedna uffiċjali mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, mill-Heritage Malta u diriġenti ta' stabbilimenti turistiċi fil-lokalità, bil-għan li l-batterija ta' Westreme, flimkien ma' postijiet oħra ta' interess fil-Mellieħa jiġu nklużi fl-itinerarji tat-turisti.

11.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 12.1. Attivitajiet Sportivi (S/4/2/Vol III)

12.2. Is-Sindku għarraf li MBA Sports World ser jergħu jorganizzaw ***league*** **tal-*beach soccer*** bejn l-20 ta' Ġunju u l-5 ta' Lulju 2009. Saru kuntatti ma' l-organizzaturi u ntlaħaq ftehim sabiex il-*pitch* jitħalla armat sa l-aħħar ta' Settembru bil-għan li meta jispiċċa l-logħob ta' l-MBA, ikun jista' jsir logħob ieħor organizzat mill-Kunsill għaż-żgħażagħ Mellieħin u mill-Mellieħa Football Nursery.

12.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li fit-13 ta' April 2009 kellu laqgħa ma' delegazzjoni mill-Mellieħa Athletic Club, li għarrfuh illi l-**maratona tal-ġiri** ser isir fil-Mellieħa nhar il-Ħadd, 3 ta' Mejju 2009. Fl-istess laqgħa sar appell sabiex jingħata l-appoġġ li soltu jingħata mill-Kunsill.

12.4. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li l-finali tal-kompetizzjoni ta' l-***American Pool*** ser isseħħ fil-Maritim Antonin Hotel & Spa fit-30 ta' April, filwaqt li dik tas-***Snooker*** ser issir fil-Mellieħa Sports Club fis-17 ta' April 2009.

12.5. Is-Sur Fenech għarraf ukoll li minn kuntatti li kien hemm mal-Mellieħa Sports Club, ġie miftiehem li l-**Festival Sportiv** isir fis-26 ta' Lulju 2009 f'Misraħ il-Parroċċa.

12.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 13.1. Proġett taħt il-*Youth Initiative Programme* ta' l-UE (P/10/2/Vol III)

13.2. Is-Sindku ppropona li bħala parti mill-proġett bl-isem "*The Environment Through Art – An Event of Artistic Expression*" għandha tittellgħa serata fi Ġnien il-Qigħan bl-isem Festa Mużika 2009 fl-20 u l-21 ta' Ġunju 2009.

13.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

### 14.1. Ġbir ta' *database* dwar l-emigranti Melleħin (E/5)

14.2. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li huwa qed jagħmel kuntatti mas-soċjetajiet mużikali sabiex tinbena *database* dwar emigranti Melleħin li jinsabu f'diversi pajjiżi.

14.3. Is-Segretarju ppropona sabiex isir kuntatt mal-Kummissjoni Emigranti fi ħdan il-Knisja bil-għan li jkun jista' jinġieb it-tagħrif meħtieġ.

14.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed.

### 15.1. Animal Fest 2009 (A/5/3/Vol X)

15.2. Il-Kunsillier H. Fenech ippropona li nhar il-Ħadd 19 ta' April 2009 filgħodu tittella' attività f'Misraħ il-Parroċċa li tkun tikkonsisti:

- Wirja mill-klieb tal-Pulizija;
- Wirja mill-Malta Falconry Centre;
- Wirja ta' ubbidjenza u aġilità; u
- Kompetizzjonijiet dwar l-aħjar ilbies tal-klieb, l-aħjar tpinġija, u l-aħjar figolla ta' l-għid li jkollha forma ta' xi annimal.

15.3. Il-Kunsill approva l-attività.

**16.1. Kritika ta' xogħol fotografiku (E/3/1/12)**

16.2. Il-Kunsillier H. Fenech ippropona li minflok isir kors fl-arti tal-fotografija, jistgħu jsiru sessjonijiet flimkien mal-Malta Photographic Society, fejn persuni delettanti jkunu jistgħu jressqu x-xogħlijiet tagħhom. Dan bil-għan li bil-kritika li ssir wieħed ikun jista' jtejjeb il-ħila tiegħu f'din l-arti. Is-Sur Fenech issuġġerixxa wkoll li għandhom jsiru avviżi sabiex isir magħruf jekk hemmx interess min-naħa tar-residenti.

16.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**17.1. *Easter Egg Hunt* fi Ġnien il-Qigħan (S/6/Vol VI)**

17.2. Is-Sindku għarraf li ġie avviċinat mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar sabiex il-Kunsill jissieħeb magħha fl-organizzazzjoni ta' l-attività msemmija li ser issir nhar is-Sibt 11 ta' April 2009.

17.3. Kien hemm qbil li għandhom jitkomplew il-kuntatti ma' l-għaqda bil-għan li jiġi stabbilit is-sehem tal-Kunsill.

**18.1. Kontroll fuq il-*camping* (C/4/Vol III)**

18.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni li fix-xhur li ġejjin jeħtieġ li jsir kontroll fuq il-*camping* f'dak li jirrigwarda l-iskart li jitħalla fil-postijiet li huma l-aktar imfittxija għal dan il-għan.

18.3. Is-Sindku wieġeb li fil-mument għaddejjin kuntatti bejn is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Artijiet u Erarji Pubbliċi u dak responsabbli mit-Turiżmu bil-għan li ssir aktar monitoraġġ ta' dawn it-tip ta' attivitajiet inkluż il-*barbeques*. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa ser ikompli jsegwi l-andament tal-laqgħat li qed isiru bejn l-Onor. Jason Azzopardi u l-Onor Mario De Marco.

**19.1. *Resurfacing* ta' Triq il-Kbira (T/4/13/Vol X)**

19.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf li fis-16 ta' Marzu 2009 saret laqgħa ma' l-entitajiet kollha pubbliċi li għandhom servizzi għaddejjin minn Triq il-Kbira, bejn Triq in-Naħal u Misraħ tas-Salib. Kienu preżenti wkoll uffiċjali mill-*Traffic Management Unit* ta' l-ADT, rappreżentanti tal-kuntrattur Central Asphalt Ltd u l-*Contract Manager*.

19.3. Fost affarijiet oħra ġie deċiż li meta jkun jeħtieġ tingħalaq Triq il-Kbira, ir-rotta tal-karozzi tal-linja 'il barra mill-Mellieħa ser tkun minn Triq tas-Salib u Triq in-Nases, filwaqt li r-rotta l-ġewwa għandha tkun minn Triq Lewis Wettinger, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Wied, Triq Ġnien Ingraw, Triq is-Santwarju, Triq l-Erwieħ u Triq il-Marfa.

19.4. Is-Sur Bartolo qal li qed issir pressjoni fuq il-kuntrattur sabiex ix-xogħol jibda mingħajr dewmien, peress li lfil-permess maħruġ mill-ADT ingħata perjodu ta' ħamsin jum biss biex jitlesta x-xogħol kollu.

**20.1. Andament tas-Sistema ta' l-Infurzar Lokali (W/3/Vol VII)**

20.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li fl-aħħar seduta tal-Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku tressaq rendikont finanzjarju għall-perjodu Ottubru 2008 / Frar 2009, li matulu tħallsu €291 in konnessjoni ma' kontravvenzjonijiet u multi li huma direttament dovuti lill-Kunsill Lokali Mellieħa, peress li ngħataw qabel deħlet fis-seħħ is-sistema attwali tal-*pooling* f'Settembru 2002.

20.3. Is-Sur Bartolo, kompla jgħid li kif kien mistenni illi bejn Ottubru 2008 u Frar 2009, il-Mellieħa tirreġistra dħul nett ta' €2,625, wara li tnaqqset is-somma ta' €1,983 li marret fil-Fond tar-Riżerva. Fl-istess perjodu, id-dħul totali kien €39,954 kontra nefqa ta' €35,055.

20.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-10.45 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 13 ta' April 2009. fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**